# PARROĊĊA KATIDARAL TA' SAN PAWL - MDINA

Tel. 2145 6620 (Uffiċju Parrokjali) Tel. 2145 4136 (Katidrall)
Email: parrocca.mdina@maltadiocese.org

Struzzjonijiet għal dawk li se jiżżewġu fil-Katidral ta' San Pawl - Imdina

## QABEL IT-TIEĠ

1. **Nota tal-Booking**
   In-**Nota tal-Booking** li jagħtikom l-Arċipriet tal-Katidral meta tiġu tibbukkjaw għat-tieġ, tridu tmorru biha għand il-kappillan jew l-Arċipriet fil-parroċċa fejn toqogħdu biex jiffirmawha u tinsewx tirritornawha lill-Arċipriet tal-Katidral mill-ewwel biex moħħkom ikun mistrieħ li l-booking hu konfermat.

2. **Notifikazzjoni taż-Żwieġ**
   Madwar xahrejn qabel it-tieġ il-koppja trid  tippreżenta, fl-Uffiċċju Parrokkjali tal-Katidral, il-karta tan-**Notifikazzjoni taż-Żwieġ** li jkunu ġabu mill-Kurja, wara li jkunu lestew t-tnidijiet fil-parroċċa fejn joqogħdu. Għaxart ijiem qabel it-tieġ iridu jġibu wkoll mir-Reġistru Pubbliku, l-karta tat-tnidijiet u ż-żewġ formoli li se jiffirmaw dakinhar tat-tieġ.

3. **Saċerdot**
   Il-koppja jridu jsibu **saċerdot** biex iżewwiġhom u jagħtu l-isem tiegħu lill-Arċipriet tal-Katidral meta jġibu l-karta tan-**Notifikazzjoni taż-Żwieġ**, biex jagħtih id-delega li mingħajrha ż-żwieġ ma jgħoddx. Għandhom ukoll jiftiehmu mas-saċerdot li se jżewwiġhom, dwar il-qari tal-Quddiesa u dwar il-prova taċ-ċerimonja. Jiċċekkjaw miegħu ukoll jekk it-tieġ tagħhom hux se jaħbat f'xi Festa Solenni bħalma hu Lapsi, Pentekoste jew it-Trinità, għax f'dak il-każ il-Quddiesa trid tkun tas-Solennità u lezzjoni waħda biss tkun tal-Quddiesa tat-tieġ. Ma jinsewx javżaw dwar dan lil min iħejjilhom il-ktejjeb tal-quddiesa tat-tieġ  u lill-**organizer,** jekk ikollhom.

4. **Qarreja mħarrġin**

   Għal qari fil-quddiesa, il-koppja għandhom iqabbdu lil xi ħadd li jkun **jaf jaqra sewwa** u li jippreparaha sew minn qabel, biex ma jħassarx l-okkażjoni. Ftakru wkoll li l-Quddiesa tat-Tieġ mhix Quddiesa tat-tfal. Għalhekk, aħjar jekk ma jitqabbdux tfal biex jaqraw.

**FIL-ĠURNATA TAT-TIEĠ**

5. **L-arranġamenti tal-fjuri**

   L-għarajjes għandhom jiftiehmu minn qabel mas-sagristan tal-Katidral dwar il-fjuri, u x'ħin se jġibuhom. **L-arranġamenti tal-fjuri m'għandhomx isiru fis-sagristija tal-Katidral iżda jinġiebu lesti minn tal-fjuri,** u jitqiegħdu f'posthom. Wieħed m'għandux jesaġera fil-kwantita' tal-fjuri. Ħadd m'għandu jċaqlaq xejn mill-Katidral mingħajr permess.

6. **Il-fotografu u r-ritratti**

   Ftiehmu ma' **tar-ritratti u tal-video** biex ma jtellfux waqt il-Quddiesa biċ-ċaqliq tagħhom. Ftakru li din hi okkażjoni speċjali għalikom u tħallu 'l ħadd u xejn li jtellifhielkom. Avżawhom li m'għandhomx bżonn iġibu *spot lights* jew *reflectors* għax il-Katidral ikun mixgħul kollu, anki l-linef, u hu mdawwal biżżejjed. Il-Katidral jipprovdi wkoll **tapit aħmar** mill-presbiterju sal-bieb ta' barra.

7. **L-ilbies**

   Fittxu li **l-ilbies** tagħkom, tal-qraba u ta' mistednin oħra jkun jixraq lid-Dar ta' Alla. Ilbies li jkun jgħodd għas-sala mhux dejjem ikun xieraq għall-knisja. Barra minn dan, għandna ordni mill-Isqfijiet biex ma nħallux li jidħol fil-knisja lil min ma jkunx liebes ilbies xieraq.

8. **L-għarus u ż-żewġ xhieda**

   **L-għarus u ż-żewġ xhieda** għandhom jiġu fis-sagristija tal-Katidral nofs siegħa qabel tibda l-Quddiesa u jippreżentaw ruħhom lis-saċerdot li jkun se jqaddes il-Quddiesa tat-Tieġ.

9. **Puntwalita'**

   Il-Quddiesa tat-Tieġ għandha **tibda fil-ħin avżat**; għalhekk l-għarusa m'għandhiex tittardja ma tasal. Ftakru li l-Quddiesa tat-Tieġ hi l-aqwa parti tal-festa tagħkom u jekk tibda tard, kollox isir bil-għaġġla.

10. **Il-mużika waqt il-quddiesa tat-tieġ**

    Tajjeb li tgħidulna minn qabel lil min se ġġibu għall-mużika u għall-kant. Lil min taqilgħu biex idoqq u jkanta fil-Quddiesa, agħmluhielu ċara li **l-mużika trid tkun sagra u l-kant irid ikun tal-Quddiesa.** Huma **assolutament ipprojbiti** kant u mużika profani fil-knisja, kif ukoll DJs idoqqu CDs, għax huma anti-liturġiċi. (Ara l-Istruzzjoni *Redemptionis Sacramentum* par.58).

11. **L-Orgni tal-Katidral**

    **L-orgni l-kbir** (elettroniku) jista' jindaqq biss minn dawk l-organisti rikonoxxuti mill-Kapitlu tal-Katidral. Għalhekk, iċċekkjaw minn qabel dwar l-organista li se jdoqqilkom.

12. **Meta ma jsirx kant**

    Avżaw ukoll lil min se jdoqqilkom li waqt li ċ-ċelebrant ikun qed iżewweġ, waqt li qed jgħid it-Talba Ewkaristika, waqt il-Konsagrazzjoni u waqt l-Elevazzjoni, **m'għandux** isir kant jew jindaqq l-orgni jew xi strument mużikali ieħor. Il-mużika u l-kant tal-akklamazzjoni wara l-Elevazzjoni jridu jkunu dawk approvati. (Ara l-Istruzzjoni *Redemptionis Sacramentum* par.53).

13. **L-Att taż-Żwieġ**

    L-Att taż-Żwieġ għandu jigi ffirmat fuq iż-żewġ kopji wara l-Quddiesa. L-għarusa tiffirma bil-**kunjom ta' xebba**. Importanti li dawn iż-żewġ kopji ma jittieħdux mill-għarajjes wara li

jiffirmawhom għaliex l-Arċipriet tal-Katidral irid jirritorna dawn id-dkumenti lir-Reġistru Pubbliku.

14. **Il-Konfetti**

Il-Kunsill Lokali tal-Imdina, b'ittra uffiċċjali tal-10 ta' Lulju 2009, bagħat javża li t-tfiegħ ta' **ross** jew **konfetti** u t-tluq ta' **ħamiem** waqt li jkunu ħerġin l-għarajjes mill-Katidral **mhumiex permessi**. It-tfiegħ tagħhom ġol-Katidral hu **assolutament projbit.**

15. **Hlasijiet dovuti**

**Meta tmorru l-Kurja** bil-karti tal-kappillani tagħkom, xahrejn qabel it-tieġ, tħallsu hemmhekk għall-ispejjeż li jsiru fit-tieġ. L-***extra*** li jħallsu l-għarajjes hu dak tas-sagristan, li jkollu jibqa' wara l-ħin biex jipprepara għat-tieġ u biex iżarma wara li jispiċċa. Il-ħlas bħalissa hu ta' €30 u jsir lilu direttament.

**Filwaqt li nixtiqilkom tieġ sabiħ u żwieġ hieni, ftakru li dan jiddependi ħafna minn kemm tieħdu bis-serjeta' t-tħejjija tagħkom infuskom waqt l-għerusija, aktar milli t-tħejjija tal-affarijiet l-oħra. Ġesu' jsejjaħ għaqli lil min jibni daru fuq il-blat, għax meta jiġi l-maltemp id-dar ma taqax. Iżda jsejjaħ iblah lil min jibni daru fuq ir-ramel, għax meta jiġi l-maltemp jiġġarraf kollox u l-ħsara tkun kbira ħafna. Għalhekk, agħtu l-ikbar importanza mhux lit-tieġ iżda liż-żwieġ, għax it-tieġ erba' sigħat kollox u jgħaddi, iżda ż-żwieġ jibda mal-wegħdiet li tagħmlu lil xulxin quddiem l-artal u tridu tgħixuhom il-bqija ta' ħajjitkom.**

**Nawguralkom.**

**Mons. Anton Cassar**
**Arċipriet- Katidral Metropolitan ta' San Pawl Mdina**